Minuti Laqgħa Numru 31 tal-Kunsill Lokali Qala

It-Tlieta, 30 ta' Marzu 2021.

Il-Kunsill Lokali Qala ltaqa' *online* permezz ta' *Zoom*, illum it-Tlieta, 30 ta' Marzu 2021, fl-4:00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Paul Buttigieg – Sindku
Ivan Cefai – Viċi Sindku
Karl Buttigieg – Kunsillier
Joseph Buttigieg – Kunsillier
Valerie Cassar Mejlak – Kunsillier

Uffiċjal Preżenti:
Lorne Cremona - Aġent Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Paul Buttigieg ippresieda l-laqgħa.

## 31.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 31.2 Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali - 2021

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv beda billi rringrazzja lill-Kunsilliera preżenti tal-kooperazjoni murija minnhom u attendew għal din il-laqgħa f'*short notice*. Spjega li r-raġuni li kellha tissejjaħ din il-laqgħa urġenti hi li kien hemm skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali li, qabel tiġi mibgħuta lir-reġjun riedet tiġi approvata mill-Kunsill.

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv spjega li waqt li s-soltu l-Kunsill Lokali tal-Qala japplika għal €10,000 fondi biex jiffinanzjaw din l-attività, l-iskema tal-llum tista' tiffinanzja sa 85% tal-attività in kwistjoni. Dan ifisser li fuq *budget* ta' €25,000, l-ammont li stajna nitolbu għalih din id-darba tela' minn €10,000 għal €21,250. Bħala *budget* ma sar ebda tibdil mill-pjan strateġiku 2018-2020 li kien mibgħut qabel lir-reġjun; għajr li ser nkunu qed nitolbu għal €21,250 flok €10,000.

Il-Kunsilliera ddiskutew din l-applikazzjoni, qablu kemm mal-kontenut tagħha u ikkonfermaw ukoll li jekk l-imxija tal-COVID-19 tibqa tippersisti u jkun hemm miżuri tas-saħħa li jillimitaw l-attivitajiet tal-massa, il-Qala International Folk Festival jsir xorta, imma fuq skala iżgħar biex aħna nkunu qed nobdu dejjem id-direttivi tal-Awtoritajiet tas-saħħa.

**31.3 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fil-4:30 ta' filgħaxija u laqgħa li jmiss se ssir nhar il-Ħamis, 8 ta' April 2021.

Paul Buttigieg
Sindku

Lorne Cremona
Aġent Segretarju Eżekuttiv